Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 142/2016

Il-Pulizja

Vs

Donald Bonello

Illum 25 ta' Mejju, 2016,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Donald Bonello detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 393976M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Ghax-xahar ta' Novembru 2015, fil-Gzejjer Maltin:

1. Naqas milli jaghti lil Jessica Rose Bonnici, is-somma, ffissata min din il-Qorti jew stipulate fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu fi zmien hmistax il-jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-14 ta' Marzu, 2016, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 338 (z) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti sabet lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u ikkundannatu ghal xahrejn detenzjoni.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appell tal-imputat David Bonello, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-17 ta' Marzu, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell u thassar is-sentenza appellata u minn din l-imputazzjoni tiddikjarah mhux hati u tilliberah skond il-ligi u minghajr pregudizzju fil-parti tal-piena tigi mposta piena jew sanzjoni ohra aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant Donald Bonello huwa car u manifest u jikkostitwixxi fis-segwenti:-

1. Illi preliminarjament l-esponent hassu aggravate billi s-sentenza moghtija, li kopja taghha qed tigi annessa ma' dan l-appell DOK A, hija nulla stante li s-sentenza ma ssemmix l-Artikolu tal-Ligi li tikkontempla r-reat li tieghu l-Qorti sabitu hati u dan ai termini inter alia tal-artikolu 382 tal-Kap 9.
2. Illi preliminarjament ukoll l-esponent hassu aggravate billi s-sentenza moghtija hija nulla ukoll stante li s-sentenza hija nieqsa ukoll milli tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati u dan ai termini inter alia tal-artikolu 382 tal-Kap 9.
3. Illi bla pregudizzju ghal dak fuq espost, l-esponent hassu aggravate mis-sentenza moghtija billi dan ir-reat huwa llum preskritt ai termini tal-ligi.
4. Illi bla pregudizzju ghal dak fuq espost, l-esponent hassu aggravate mis-sentenza moghtija billi dan ir-reat ma rrizultax minhabba li ma tresqitx l-ahjar prova. Il-prosekuzzjoni resqu kopja mhux legali ta' l-allegat digriet.
5. Illi bla pregudizzju ghal dak espost fuq, dwar il-piena inflitta, l-esponent ihossu aggravate billi din il-piena inflitta hija eccessiva tenut kont in-natura u

c-cirkostanzi tal-kaz u li kien hem diversi pieni u sanzjonijiet ohra li setghu jigu applikati f' da nil-kaz. Bl-akbar rispett ghandu jigi kkonsidrat l-kondotta nadifa tal-esponent, il-finanzi prekarji tal-esponent;

Illi l-Ewwel Qorti, fil-konsiderazzjonijiet taghha naqset milli tqis serjament l-fatt li dan l-allegat incident huwa semmai ta' natura kontrovenzjonali u li skaturixxa ruhu minn sitwazzjoni familjari li zgur mhux kriminuza fiha nnifisha.

Piena ta' detenzjoni fuq l-esponent li ghandu kondotta netta u li qatt ma kellu kwistjonijiet mal-Pulizija hija sproporzjonata u ser ikollha effett hazin fuqu li bhalissa qed ifittex xoghol.

Ikkunsidrat,

Illi fis-seduta ta' llum deheret il-parte civile u iddikjarat illi hija thallset u l-manteniment dovut ghall-perjodu indikat fl-akkuza.

Illi ghalhekk l-akkuza tirrizulta ippruvata billi l-manteniment ma sarx fil-perijodu indikat fl-akkuza madanakollu hemm lok ghall-temperament fil-piena, fid-dawl tal-fatt illi l-appellant ottempera ruhu.

Ghaldaqstant, il-Qorti qed tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermha fejn sabet il-htija fl-appellant izda tvarja l-piena nflitta u wara illi rat l-artikolu 22 tal-Kap 446, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jghamilx reat iehor fi zmien sena.

Il-Qorti wissiet lil hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkometti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kondizzjonata.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur